# L-GANDLORA
# ĠESÙ PPREŻENTAT FIT-TEMPJU

Jekk aħna ngħoddu l-jiem li hemm mill-Milied sat-2 ta' Frar, insibu li hemm 40 jum. Wara 40 jum, il-Lhud kienu jippreżentaw it-tarbija lill-Mulej fit-tempju. U hekk għamlu wkoll Marija u Ġużeppi. Dil-festa aħna nsejħulha wkoll il-Gandlora. F'dan il-jum niftakru li Ġesù huwa d-dawl tagħna. Ix-xwejjaħ Xmun jirrivela li Ġesù huwa "dawl biex idawwal il-ġnus".



U għalhekk fit-2 ta' Frar, il-Ġimgħa li ġejja, se jkollna magħna lit-tfal tal-iskola primarja biex waqt il-quddiesa tad-9:00am nagħmlu mixegħla fil-knisja biex b'dan il-ġest nistqarru li Ġesù għalina huwa d-dawl u li mingħajru f'ħajjitna jkollna d-dlam. Fid-dinja għandna bżonn inżommu l-imħabba li għallimna Kristu ssaltan bejn il-ġnus.

U anke fil-familji tagħna.

Fl-istess jum tat-2 ta' Frar filgħaxija, fil-quddiesa tal-5:00pm se nirrepetu l-funzjoni tad-dawl għall-adulti li jogħġobhom jieħdu sehem. Ejjew nagħmu dan l-att estern ta' qima lil Ġesù biex ngħidulu li rriduh idawlilna ħajjitna.

*Ix-xemgħat se jiġu provduti mill-parroċċa.*

***L-Arċipret Jimmy Xerri***

## Avviżi:

**LAQGĦA TA' TALB TA' PATRI PIJU:** nhar it-Tnejn 29 ta' Jannar fl-4:00pm fil-kappella tas-Sorijiet. Qed nagħmlu l-intenzjoni kemm għall-morda bl-interċessjoni tal-Qaddis kif ukoll għall-vokazzjonijiet fil-parroċċa tagħna. Ikollna l-Adorazzjoni bir-Rużarju u l-Quddiesa. Mistednin nattendu.

**L-GĦAQDA DUN FRANĠISK GRIMA:** tavża li nhar il-Ħamis l-1 ta' Frar se tagħmel żjara lill-Kappella Biżantina fil-knisja ta' San Ġorġ u lill-Mużew tal-Ħaġar fil-Belt Victoria. Tluq fid-9:00am minn ħdejn iċ-Ċentru. Kellmu lil Tonina fuq 79923153 jew 21553041.

**ĦARĠA GĦALL-ANZJANI:** mill-Kunsill Lokali Nadur, nhar il-Ħamis l-1 ta' Frar. Tluq mill-Pjazza fl-4:00pm. Aktar informazzjoni mill-uffiċċju tal-Kunsill.

**IS-SIEGĦA TAL-ĦNIENA DIVINA:** nhar il-Ġimgħa 2 ta' Frar wara l-quddiesa tal-5:00pm. Kulħadd mistieden biex nitolbu flimkien il-ħniena ta' Alla fuqna u fuq id-dinja kollha.

**SIEGĦA ADORAZZJONI:** bi tpattija lill-qalb bla tebgħa ta' Marija u għall-konverżjoni tal-midinbin, nhar is-Sibt 3 ta' Frar fit-8:15am fil-knisja tal-Qalb ta' Ġesù. Kulħadd huwa mistieden.

**FESTA TAL-MADONNA TAL-FIDUĊJA:** nhar is-Sibt li ġej, 3 ta' Frar, il-quddiesa tal-5:00pm se titmexxa minn Mons. Karm Hili, fl-okkażjoni ta' dil-festa.

**CINEMA4KIDZ:** ser terġa' tkun organizzata fis-Sibtijiet ta' 3 u 17 ta' Frar, u 2 u 16 ta' Marzu ġewwa ċ-Ċentru taż-Żgħażagħ. Jistgħu jattendu studenti minn year 3 sa year 7. Il-film jibda fil-5:30pm u jkun lest sas-7:15pm. Id-dħul għal din l-attività huwa b'xejn.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am